AĠENZIJA SAPPORT



# Is-Servizz tal-Blue Badge

## *The Blue Badge Service*








## X’inhi l-Blue Badge?

Il-Blue Badge hija dokument legali li jagħti l-possibilità lill-persuna b’diżabilità (sid id-dokument) sabiex tipparkja l-vettura tagħha, jew il-vettura li qiegħda in transitu fiha, f’postijiet ta’ parkeġġ komunali riservat għal dawk li għandhom Blue Badge (kaxxa blu). Dan minħabba diffikultajiet fil-mobilità jew diżabilitajiet oħra.

## X’għandek tkun taf:

- Id-dokument tal-Blue Badge huwa ġeneralment aċċettat ukoll fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, il-Korea ta’ Isfel, New Zealand, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti.
- Id-dokument għandu jitpoġġa f’post fejn jidher sew mill-windscreen tal-karozza.
- Aġenzija Sapport tara li l-applikanti jiġu assessjati minn professjonisti abbażi tal-kriterji ta’ eliġibilità tal-liġi pertinenti (Kapitolu 560 tal-Liġijiet ta’ Malta).
- Min jitlef id-dokument tal-Blue Badge għandu jagħmel rapport lill-Pulizija jew jieħu affidavit maħluf u jissottomettih lil Aġenzija Sapport sabiex jinħareġ dokument ġdid.
- Blue Badge valida tagħti l-possibilità lid-detentur biex japplika ma’ Transport Malta għal post ta’ Parkeġġ Riservat Personalizzat, skont ir-regolamenti tal-Avviż Legali 113 tal-2024.

## Kif tapplika:

- Imla applikazzjoni li tinkludi wkoll formola ta’ Ċertifikat Mediku (iffirmat, stampat, u datat mhux iktar tard minn sena mid-data ta’ sottomissjoni), u ehmeż magħha ritratt tal-passaport bil-kulur.
- Japplika ħlas għal min qed japplika għal Blue Badge għall-ewwel darba.
- L-applikazzjoni tinsab fuq is-sit elettroniku ta’ Aġenzija Sapport www.sapport.gov.mt. Wieħed jista’ jimla l-applikazzjoni u jħallas online, jew iniżżel l-applikazzjoni u jmur biha l-uffiċini ta’ Aġenzija Sapport, Triq Patri Ġwann Azzopardi, Santa Venera (Malta) jew Aġenzija Sapport, Għajnsielem Learning Hub, Triq l-Imġarr, Għajnsielem (Għawdex), jew f’wieħed mill-fergħat ta’ Servizz.gov.

*Hi responsabilità tad-detentur tal-Blue Badge li japplika sabiex iġedded id-dokument tliet (3) xhur qabel jiskadi.*

## What is the Blue Badge?

The Blue Badge is a legal document that allows the person with disability (document holder) the possibility to park their vehicle, or the vehicle in which they are travelling, in communal reserved parking bays for Blue Badge holders (blue bay). This is due to mobility issues or other disabilities.

## What you need to know:

- The Blue Badge document is generally also accepted in EU Member States as well as in Australia, Canada, Japan, South Korea, New Zealand, UK and USA.
- The document must be prominently placed against the windscreen.
- Aġenzija Sapport will ensure that applicants are assessed by professionals on the basis of the eligibility criteria of the pertinent legislation (Chapter 560 of the Laws of Malta).
- If the Blue Badge document is lost, the holder must report it to the Police or take a sworn affidavit and submit it to Aġenzija Sapport for a new document to be issued.
- A valid Blue Badge allows the holder the possibility to apply for a Personalised Reserved Parking with Transport Malta, according to the regulations of Legal Notice 113 of 2024.

## How to apply:

- Fill in an application form that also includes a Medical Certificate form (signed, stamped, and dated not older than one year from the date of submission), and attach a coloured passport photo.
- An administration fee applies for those applying for the Blue Badge for the first time.
- The application form can be found on Aġenzija Sapport's website www.sapport.gov.mt. One may fill in the application form and pay online, or download the application and present it at Aġenzija Sapport's office at Patri Ġwann Azzopardi Street, Santa Venera (Malta) or Aġenzija Sapport, Għajnsielem Learning Hub, Mġarr Road, Għajnsielem (Gozo), or at a Servizz.gov hub.

*It is the responsibility of the Blue Badge holder to apply to renew the document three (3) months before its expiry date.*

## Min jista' japplika?

Persuni li huma intitolati għal Karta Ewropea tad-Diżabilità, maħruġa minn Aġenzija Sapport, li jużaw u/jew isuqu vettura bil-mutur fuq bażi regolari, u li għandhom:

- Nuqqas ta' vista, jew
- Diżabilità fiżika severa, jew
- Diżabilità intelletwali severa.

Il-kriterji ta' eliġibilità huma speċifikati fl-Att biex jipprovdi għal Konċessjonijiet ta' Parkeġġjar għal Persuni b'Diżabilità (Kap. 560).

## Who can apply?

Persons who are entitled for an EU Disability Card, issued by Aġenzija Sapport, who use and/or drive a motor vehicle on a regular basis, and who have:

- A visual impairment, or
- A severe physical disability, or
- A severe intellectual disability.

The eligibility criteria are specified in the Parking Concessions for Persons with Disability Act (Cap. 560).

## Għal aktar informazzjoni:
## For more information:


Aġenzija Sapport Helpline: Freephone Servizz.gov 153 (ext. 05)

accessibility.sapport@gov.mt

www.sapport.gov.mt


AĠENZIJA SAPPORT